A.L. 8 ta' l-1997

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA
(KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 846 ta' l-1949.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 1997.

2. It-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) minflok il-partita 15 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

	Lm
"15. Biex wieħed iżomm jew juża dgħajsa li taħdem bil-makna jew inġenju li jaħdem bil-makna, magħduda *pleasure boat* (barra minn dawk imsemmija speċifikament x'imkien ieħor f'din l-Iskeda), fis-sena, meta d-dgħajsa jkollha makna ta'	
minn 10 sa 25 h.p.	15.00
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	20.00
iżjed minn 50 sa 75 h.p.	30.00
iżjed minn 75 sa 150 h.p.	40.00
iżjed minn 150 h.p.	50.00

Lm

Iżda ghall-ghoti ta' liċenza dwar *pleasure boat* ghandu jinġabar dan id-dritt:

meta d-dgħajsa jkollha makna ta'

minn 10 sa 25 h.p.	175.00
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	225.00
iżjed minn 50 sa 75 h.p.	275.00
iżjed minn 75 sa 150 h.p.	300.00
iżjed minn 150 h.p.	400.00

Ghall-fini ta' din il-partita, *pleasure boat* tfisser dawk l-inġenji kollha li ma jkunux maħsuba li jitħaddmu bl-imqadef, li jkollhom makna ta' iktar minn 10 h.p., u, mix-xorta tal-bini jew kostruzzjoni jew użu tagħhom, huma meqjusa bħala *pleasure boats* mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Inġenji li jkunu reġistrati mad-Direttur tas-Sajd, ghal ghanijiet ta' sajd ma jiġux hekk reġistrati kemm-il darba sidhom ma jipproduċix lid-Direttur tas-Sajd ċertifikat minn *shipwright* kwalifikat fis-sens li l-imsemmija inġenji jkunu mibnija u maħsuba ghal ghanijiet tas-sajd.";

(ii) minflok il-partita 62 tagħha ghandu jidħol dan li ġej:

Lm

"62. Ghall-użu ta' karozza privata, fis-sena —

(a) sa 1300 c.c.	22.00
(b) iżjed minn 1300 c.c sa 1500 c.c.	25.00
(ċ) iżjed minn 1500 c.c. sa 1800 c.c.	30.00
(d) iżjed minn 1800 c.c. sa 2000 c.c.	50.00
(e) iżjed minn 2000 c.c.	100.00";u

(iii) fil-partita 70 tagħha minflok il-figuri Lm"27.00" ghandhom jidħlu l-figuri Lm"30.00".